# Il-Qala fi Tfuliti



Carmelo Portelli

Bħalma għamilt għar-rivista l-oħra li tiġi ppubblikata fil-parroċċa tagħna, ser nikteb ftit memorji ta' kif niftakar ir-raħal tagħna fi tfuliti. Nibda biex ngħid li kont nismagħhom jgħidu li f'dak iż-żmien, madwar sittin sena ilu, fil-QALA kienu jgħixu madwar elfejn ruħ, iżda iktar ma għadda ż-żmien il-popolazzjoni fir-raħal tagħna naqset sew minħabba l-emigrazzjoni. Biżżejjed ngħid bħala eżempju, li mill-klassi tiegħi tal-iskola, li kien fiha 'l fuq minn għoxrin tifel, jien u tnejn oħra qatt ma għamilna xi żmien ngħixu barra minn Malta. L-oħrajn kollha emigraw, xi wħud reġgħu lura wara ċertu żmien, waqt li oħrajn baqgħu jgħixu barra, u llum saru nanniet.

## L-iskola

La semmejt l-iskola sewwa ngħid kif kienet is-sitwazzjoni edukattiva f'raħalna f'dak iż-żmien. Kien hawn żewġ skejjel primarji, waħda għas-subien, u l-oħra għall-bniet. Dik tal-bniet kienet fil-kunvent tas-sorijiet Franġiskani u kienet tkun immexxija minn dawn is-Sorijiet. Jien niftakar li l-kap tal-iskola kienet tkun Soru. Naturalment dejjem kien hemm għalliema



oħra lajċi jgħallmu f'din l-iskola wkoll, naturalment ukoll mill-Qala, imma xi waħda min-Nadur u mir-Rabat niftakar ukoll. F'din l-iskola kien hemm seba' klassijiet, *Stage* I u *Stage* II, li fihom kienu jattendu tfal ta' bejn is-sitta u seba' snin, imbagħad *Standard* I sa *Standard* V. Fi *Stage* I u II, il-klassi kienet tkun mħallta, subien u bniet, imbagħad minn *Standard* I sa *Standard* V, subien għalihom u bniet għalihom. L-iskola tas-subien kienet fejn illum hemm il-mekkanik Joe Cremona. *Standard* VI ma kienx hawn, u min ried ikompli l-iskola, jew imur *Standard* VI in-Nadur jew ir-Rabat. Wara kien isir l-eżami għal-Liċeo, jew għat-*Technical School.* Ftit kienu dawk li kienu jkomplu l-iskola wara erbatax-il sena, żmien obbligatorju, imma kienu jieqfu u jistennew li jagħlqu ż-żmien biex ikunu jistgħu jemigraw. Xi wħud kienu jsiefru malli jagħlqu sittax, għax kien ikollhom lil xi ħadd tal-familja għand min imorru. Il-maġġoranza emigraw lejn l-Awstralja, imma kienu jsiefru lejn l-Ingilterra u l-Istati Uniti wkoll. Jekk niftakar sew, il-ħinijiet tal-iskola kienu bejn it-8.30am u n-12.30pm, is-2.00pm u l-4.00pm. L-iskola kienet tibda fil-15 ta' Settembru u tispiċċa fil-15 ta' Lulju.

## Toroq u Bini

F'dak iż-żmien, il-Qala kompliet tikber billi komplew jinfetħu toroq ġodda. Niftakar tinfetaħ parti minn triq San Ġużepp, mill-MUSEUM 'l fuq; Triq Papa Piju IX, Triq it-Tempju, u l-parti ta' fuq ta' Triq Indipendenza. Imma t-toroq ma kinux kif inhuma llum. Kien għadhom tat-torba, u wieħed jista' jaħseb kif kienu jkunu fix-xitwa wara li tagħmel ix-xita, u fis-sajf meta jkunu niexfa u jagħmel ir-riħ. Kienu perikolużi biex



timxi, u aħna t-tfal dejjem b'xi ġerħa f'subgħajna ta' saqajna għax dejjem niġru ħafjin, u issa jew imbagħad ser tħabbat subgħajk ma' xi skoll li kien ikun hemm! Niftakar fis-sajf, speċjalment meta toqrob il-festa, kienu jiġu ibixxu t-toroq ta' madwar il-pjazza biex ma jtirx ħafna trab. Barra minn hekk, it-toroq ma kinux imdawla bħal-lum, imma b'xi fanal bil-lampa tal-pitrolju tixgħel wara l-Ave Maria, u tintefa kif jisbaħ filgħodu. Niftakar lil Bernard Vella ta' Trejża, u Ġużepp Xerri tal-Għajbur, li kienu jieħdu ħsieb jixegħlu u jnaddfu dawn il-fanali. Filgħaxija kienu joħorġu bis-sellum biex ikunu jistgħu jitilgħu jixegħlu l-fanal, u filgħodu b'qasba apposta biex jitfuh. Fanal ta' dan it-tip kien baqa' wieħed li kien fuq il-bieb tal-għassa il-qadima tal-Qala, imma tneħħa meta tranġa dan il-bini. Id-dawl elettriku fid-djar u fit-toroq, jekk niftakar sew, kien beda għall-bidu tal-ħamsinijiet, u mħux kulħadd kellu l-elettriku fid-dar f'dak iż-żmien, għax il-linji ma kinux jgħadduhom f'daqqa mat-toroq kollha. Għalhekk, il-fanali tal-pitrolju bdew jinbidlu ma' lampi tal-elettriku ftit ftit u naturalment bdew



*Mili tal-krietel bl-ilma sabiex ibixxu t-toroq*

mill-pjazza u t-toroq ta' madwar. Fid-djar ukoll, qabel ma' wasal l-elettriku, kulħadd kien juża lampi tal-pitrolju, li kienu ta' kull għamla u daqs. Illum għad baqa' minnhom, imma jintużaw għat-tiżjin.



Billi bħalma diġà għidt, infetħu toroq ġodda, il-bini fir-raħal beda jiżdied ġmielu, u r-raħal kompla dejjem jikber. Dan il-bini kien aktarx isir bis-saħħa tal-emigrazzjoni, għax mhux darba jew tnejn ir-raġel kien isiefer u l-mara tibqa' hawn tieħu ħsieb l-iżvilupp tal-familja. Xi ġenituri wkoll kienu jieħdu ħsieb il-bini tal-karattru ta' wliedhom waqt li kienu jkunu msefrin.

Binja li niftakar sew li nbniet fi tfuliti hi l-parti tal-Knisja, in-naħa tal-lemin, fejn illum hemm il-*generator*. F'din il-parti kien hemm id-dar tal-Kappillan, dak iż-żmien Dun Ġużepp Vella. Din twaqqgħet u nbniet fejn qiegħda llum, u meta tlestiet u l-Kappillan beda joqgħod hemm, bdiet tinbena l-parti tal-knisja kif inhi llum. Il-Bennej ta' dawn iż-żewġ proġetti kien Toni Portelli, tal-Kirċ, bin-nies tiegħu.

## Il-Hajja in-ġenerali

Għalina t-tfal f'dak iż-żmien kienet ħajja sempliċi ħafna, imma xorta waħda konna ferħanin. Il-ġurnata kienet tkun skola, tagħlim tad-duttrina fil-MUSEUM, u l-bqija logħob. Biex nilagħbu ma kienx ikollna



ħlief xi ftit boċċi tal-ħġieġ u konna nilagħbu "it-Tliet Ħofriet". Il-logħba tal-"Bejx", "in-Noli" u l-"Franċiża" ma kinux jonqsu speċjalment meta konna nkunu ħdejn il-MUSEUM. Affarijiet oħra tal-logħob kienu ċ-"ċirku"(ċirku tal-ħadid imbuttat b'biċċa fidiferru ħoxna u niġru wara xulxin) u l-ballun, (ballun magħmul mill-karti tax-xkejjer tas-siment, jew ċraret qodma). Għall-bniet, logħob biż-żibeġ, "il-passju" u "qabża tal-ħabel" kienu popolari ħafna. Qabel l-aħħar tal-ħamsinijiet, bidu tas-sittinijiet tas-seklu l-ieħor ma kienx għadu daħal it-televixin, u allura ħin għal-logħob kien ikollna iktar. Fil-ħin liberu t-tfal kienu jkunu dejjem barra jilagħbu; għax lanqas periklu ta' traffiku ma kien hemm. Dak iż-żmien fit-toroq tagħna rari kont tara xi karozza għaddejja ħlief ix-xarabank tal-ħin filgħodu, u kultant xi trakk żgħir bit-tagħbija. Mill-bqija xi ħmar, bagħal, jew żiemel tal-bdiewa kont tara fit-toroq tagħna. U la semmejt dan sewwa ngħid xi ħaga fuq il-biedja f'dak iż-żmien. Nibda biex ngħid li f'dan iż-żmien ir-raba' tal-Qala kien jinħadem kollu, u ma kontx tara roqgħa art żdingata. Kien ħawn ħafna bhejjem speċjalment mogħoż u nagħaġ. Ħafna familji kienu jżommu xi mogħża jew tnejn għall-ħalib, u xi nagħġa għall-ġbejniet; barra li kien hawn numru ta' raħħala li kienu armati b'merħliet kbar u mdaqqsa li kienu jgħixu mid-dħul mill-bejgħ tal-ħalib, mill-prodotti tar-raba'. Dawk li ma kienx ikollhom il-ħalib minn tagħhom kien jixtru l-ħalib frisk mingħand ir-









Mezzi ta' tisjir, għodod tal-biedja u tal-bini u kontenituri tal-fuħħar użati f'dawk iż-żminijiet



Ix-xogħol tal-bizzilla kien popolari. Kont tisma' ħafna ċekċik taċ-ċombini minn wara l-purtieri tal-qasab

### Kif niftakarhom it-tliet portijiet popolari f'Għawdex fi żmieni

*L-Imġarr*



*Ix-Xlendi*



*Marsalforn*



raħħal li kien joħroġ filgħodu jdur mat-toroq tar-raħal b'xi sitt mogħżiet. Baqar ma tantx kien hawn, u raħħal armat sewwa kien hawn wieħed li kellu madwar tletin tal-ħalib, u forsi kien hawn mitt ras oħra mqassmin



għand diversi raħħala. Trobbija tat-tjur u fniek kien hawn ħafna. Kull min kellu fejn kien irabbi ftit tiġieġ u fniek biex dejjem isib xi jsajjar. Bejgħ ta' ċanga u majjal ma kienx popolari bħal-lum. Iċ-ċanga l-iktar li kienet tintuża għall-brodu, u l-majjal xi biċċa koxxa għall-forn nhar ta' Ħadd.

Nixtieq insemmi wkoll xi drawwiet reliġjużi li llum inqatgħu. Nibda biex ngħid li meta kien għadna żgħar, sewwa sew sakemm sar il-Konċilju Vatikan II, il-quddies kien isir bil-Latin, u l-qassis b'dahru lejn in-nies. Waqt il-quddiesa kien ikollu abbati jgħinu u jirrispondi bil-Latin dak li l-lum aħna nirrispondu bil-Malti waqt il-quddiesa, u l-kongregazzjoni tgħid ir-Rużarju. Għalhekk biex tidħol abbati dak iż-żmien kien ikollok l-ewwel titgħallem kif tgħin il-Quddiesa bil-Latin! Niftakar lil Karmnu Buttigieg, ta' Jappa, li kien jgħid ir-Rużarju lin-nies. Mikrofonu ma kienx hemm, allura jrid jgħajjat kemm jiflaħ biex jinstema'. Drawwa oħra ta' dak iż-żmien kien il-Vjatku. Billi kien hawn morda u xjuħ miżmuma id-dar, (ħafna iktar mill-lum), meta tkun qorbot l-aħħar siegħa kienu jeħdulu s-Santissimu Sagrament id-dar biex jitqarben. Kienu jindaqqu tokki bil-qniepen apposta biex il-poplu jagħraf li hemm Vjatku, jinġabru xi erba' abbatini, il-qassis jerfa' s-Sagrament bħal f'purċissjoni, bl-abbatini mexjin tnejn jew iktar fuq kull naħa tal-qassis, b'raġel iżomm umbrella miftuħa fuq il-Qassis. Xi nisa kienu jinġabru u jimxu wara jgħidu t-talb; waqt li l-qniepen kienu jindaqqu waqt din il-purċissjoni. Mhux l-ewwel darba s-sagristan ta' dak iż-żmien, Karmnu Thewma, tas-Sultan, kien itellgħani miegħu biex indoqq f'okkażjonijiet bħal dawn u oħrajn. Drawwa oħra ta' tfuliti, u li llum inqatgħet ukoll, kien l-irmied jaqbad li kien jinġarr fil-funeral wara l-mejjet. Tifel liebes pulit kien iżomm qisu kalċi mwaħħal fuq injama apposta, fiha ikun hemm il-ġamar jaqbad, bħaċ-ċensier, u jinġarr dritt wara it-tebut, u kultant jintefa' ftit inċens.



La semmejt il-daqq tal-qniepen, dari l-qniepen kienu jindaqqu ferm iżjed mil-lum. Saħansitra meta kien ikun riħ qawwi, kienet tindaqq mota biex ir-riħ ibatti.

Kien hawn ħafna iktar drawwiet fuq xiex wieħed jikteb, imma jien ser nieqaf hawn. Nispera li ġeddidt il-memorji ta' dawk ta' tampari, u dan li ktibt iservi ta' ftit rakkont lill-ġenerazzjoni żagħżugħa.